

Fis-Sitt u t-Tmien Awli komposti minn tliet Imħallfin, il-President ta' l-Awla jippresjedi suċċessivament ma' l-Imħallfin imsemija fil-paragrafu (a), (b) jew (ċ), skond il-kulleġġ li għalih jappartjeni l-Imhalled Relatur. Għall-kawżi li fihom il-President ta' l-Awla jkun l-Imhalled Relatur, il-President ta' l-Awla jippresjedi ma' l-Imħallfin ta' kull wieħed minn dawn il-kulleġġi li jalternaw fl-ordni ta' reġistrazzjoni tal-kawżi, bla ħsara għall-kawżi konnessi.

## Awla ta' l-Appelli

Fit-8 ta' Lulju 2008, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-Awla ta' l-Appelli ser tkun komposta, għall-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2009, mill-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza u, skond sistema ta' rotazzjoni, minn żewġ Presidenti ta' Awla.

L-Imħallfin li jippresjedu mal-President ta' l-Awla ta' l-Appelli sabiex jintlaħaq il-kulleġġ estiż ta' ħames Imħallfin huma t-tliet Imħallfin tal-kulleġġ li lilu tkun ġiet assenjata inizjalment il-kawża u, skond sistema ta' rotazzjoni, żewġ Presidenti ta' Awla.

## Kriterji ta' assenjazzjoni tal-kawżi lill-awli

Fit-8 ta' Lulju 2008, il-Qorti tal-Prim'Istanza stabbilixxiet kif geġ il-kriterji għall-assenjazzjoni tal-kawżi lill-awli għall-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2009, skond l-Artikolu 12 tar-Regoli tal-Proċedura:

1. L-appelli mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku huma assenjati, mill-preżentata tar-rikors, bla ħsara għal applikazzjoni ulterjuri ta' l-Artikoli 14 u 51 tar-Regoli tal-Proċedura, lill-Awla ta' l-Appelli.
2. Il-kawżi l-oħra li ma jaqgħux taħt il-paragrafu 1 huma assenjati, mill-preżentata tar-rikors u bla ħsara għal applikazzjoni ulterjuri ta' l-Artikoli 14 u 51 tar-Regoli tal-Proċedura, lill-awli komposti minn tliet Imħallfin.

Il-kawżi li jaqgħu taħt dan il-paragrafu jitqassmu lill-awli skond tliet rotazzjonijiet differenti mfassla skond l-ordni ta' reġistrazzjoni tal-kawżi fir-Reġistru:

- għall-kawżi li jirrigwardaw l-implementazzjoni ta' regoli ta' kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi, ta' regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istati u ta' regoli dwar il-miżuri ta' difiża kummerċjali;
- għall-kawżi li jirrigwardaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali msemmija fl-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura;
- għall-kawżi kollha l-oħra.

Fil-kuntest ta' dawn ir-rotazzjonijiet, iż-żewġ awli ppresjeduti minn tlieta komposti minn erba' Imħallfin jittieħdu in kunsiderazzjoni darbtejn meta sseħħ it-tielet rotazzjoni.

Il-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza jista' jidderoga minn dawn il-listi sabiex jieħu in kunsiderazzjoni l-konnessjoni ta' ċerti kawżi jew sabiex jassigura li x-xogħol jiġi mqassam b'mod ibbilanċjat.

## Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26 ta' Ġunju 2008 — Alferink et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-94/98) <sup>(1)</sup>

**(“Rikors għad-danni — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Ħalib — Imposta addizzjonali — Kwantità ta' referenza — Produttur li kien daħal għal impenn ta' non-kummerċjalizzazzjoni — Rekwiżit ta' produzzjoni fl-impriża agrikola SLOM inizjali — Artikolu 3a tar-Regolament (KEE) Nru 1546/88, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1033/89 — Formulazzjoni allegatament ambigwa tad-dispożizzjoni applikabbli — Prinċipju ta' ċertezza legali”)**

(2008/C 197/30)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

## Partijiet

**Rikorrenti:** Alfonsius Alferink (Heeten, l-Olanda) u s-67 rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-anness tas-sentenza (rappreżentanti: H. Bronkhorst u E. Pijnacker Hordijk, wara H. Bronkhorst, E. Pijnacker Hordijk u J. Slusmans, u fl-aħħar E. Pijnacker Hordijk, avvocats)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: T. van Rijn, aġent)

## Suġġett

Talba għall-kumpens, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 178 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 235 KE) u tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 215 tat-Trattat KE (li sar it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 288 KE), tad-danni allegatament imġarrba mir-rikorrenti minħabba li l-Kummissjoni, meta adottat ir-Regolament (KEE) Nru 1033/89, ta' l-20 ta' April 1989, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1546/88 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-imposta addizzjonali msemmija fl-Artikolu 5c tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 (ĠU L 110, p. 27), li ma jipprevedix b'mod ċar u preċiż li l-produzzjoni tal-ħalib kellha terġa' tibda mill-impriża agrikola SLOM inizjali, kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Alfonsius Alferink u s-67 rikorrenti l-oħra li l-lista tagħhom tidher fl-anness huma kkundannati għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 358, 21.11.1998.